**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 10 t' April 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**Vs**

**Robert Cropp**

**Kump. Nr. 619/2018**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Robert Cropp**, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 95981M, gie akkuzat talli , f'dawn il-gżejjer, f'Mejju 2018, b`diversi atti magħmulin minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b`riżoluzzjoni waħda:

1. sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalik jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, jew kwalunkwe entita oħra, xjentement għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt tagħrif falz;

2. talli bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, li minħabba l-kariga jew impjieg tiegħek kont fid-dmir li tagħmel jew tagħti dikjarazzjoni jew ċertifikat, għamilt jew tajt dikjarazzjoni jew ċertifikat falz, kif ukoll talli xjentement użajt ċertifikat jew dikjarazzjoni falza.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll biex skond dak li hemm maħsub fl-artikolu 190 tal-Kap 9, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, l-Qorti għandha tordna l-interdizzjoni ġenerali perpetwa minħabba l-fatt li l-imputat kien uffiċjal pubbliku meta wettaq ir-reat li qed jiġi akkużat bih.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-13 ta' Frar 2019 sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta tal-lum stess fejn l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet lill-ufficjal prosekutur u lid-difensur tal-imputat jaghmlu sottomissjonijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew il-provi dokumentarji migjuba, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet kollha imsemmija migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandhiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta' htija relattiva.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra:

1. l-fattur tal-ammissjoni tal-imputat fi stadju tant bikri tal-proceduri;
2. In-natura serja tar-reati kommessi;
3. Il-fedina penali tal-imputat;
4. Il-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih mal-pulizija;

5. Il-fatt li huwa ghandu mpjieg fiss;

**Decide;**

**GHAL DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 10, 17, 31, 18, 185(1), 186, 188(1) u 190 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib, fuq ammissjoni tieghu stess, lil **Robert Cropp**, hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` erbatax (14)-il xahar, izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` tmintax (18)-il xahar mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil Robert Cropp, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Bis-sahha ta` l-Artikoli 10 u 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qed tordna l-piena tal-interdizzjoni generali perpetwa fuq il-hati Robert Cropp.

In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 10(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qed tordna illi din is-sentenza, fejn hemm imposta l-interdizzjoni generali, tigi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur